# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## IMHALLEF

## Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)

Illum 20 ta’ Jannar, 2016

Rikors Nru : 244/15 AL

**AB**

***vs***

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu nhar id-disgha (9) ta’ Mejju tas-ena elf disa’ mija erbgha u disghin (1994) (vide Dok A anness);

Illi minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel wiehed u cioe’ Robert li twieled fil-hamsa (5) ta’ Marzu tas-sena elf disa’ mija erbgha u disghin (1994), u li ghalhekk hu maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’kuntratt pubbliku redatt minn Nutar Dr Robert John Muscat sa mid-disgha (9) ta’ Frar tas-sena elfejn u tnax (2012) (vide Dok. B anness) u ilhom separati *de*

*facto* sa mill-bidu tas-sena elfejn u hdax (2011) u fil-fatt fis-sebgha (7) ta' April 2011 l-esponenti telqet mid-dar matrimonjali u fid-disgha (9) ta' April 2011 marret tghix l-Ingilterra permanentement;

Illi ghalhekk l-partijiet ilhom aktar minn erba' (4) snin separati *de facto* u m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi skont l-anness kuntratt ta' separazzjoni personali l-partijiet irrinunzjaw li jircievu manteniment minghand xulxin;

Illi ai termini tal-istess kuntratt ta' separazzjoni personali l-partijiet ftehmu li jbieghu d-dar matrimonjali u cioe' 199, Main Street, Zebbug, Malta, u din fil-fatt kienet gia inbieghet permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Tonio Cauchi tad-dsatax (19) ta' Dicembru 2011 (vide Dok C anness);

Illi ghalhekk m'hemm l-ebda pendenzi bejn il-partijiet relattivi ghall-kuntratt ta' separazzjoni msemmi;

Illi l-fatti kollha premessi jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi dawn il-fatti gew debitament ikkonfermati mir-rikorrenti fl-affidavit taghha li qed tipprezenta ma dan ir-rikors (vide Dok D anness);

Talbet in vista tal-premess li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet; u
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez;

Rat ir-rikors illi gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Lulju, 2015;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx ghal dawn il-proceduri u ma pprezentax risposta;

Rat l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom separati mid-9 ta' Frar 2012 izda ilhom de facto separati ghal aktar minn erba (4) snin u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ppruvat ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut mill-intimat;

Ghaldaqstant, il-Qorti tilqa` t-talbiet u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

Ft. Dr Abigail Lofaro
Imhallef

Ft. Rita Vella Baldacchino
Deputat Registratur